

Brussell, 25 ta' Novembru 2019
(OR. en)

13823/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2012/0006(NLE)**

**AVIATION 239
RELEX 1009
COEST 259
NIS 15
OC 14**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta emendata għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni ta' Ftehim tal-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tal-Moldova, min-naħa l-oħra – Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Il-Ftehim imsemmi hawn fuq huwa r-riżultat tal-mandat tal-Kummissjoni, mogħti mill-Kunsill fis-16 ta' Ġunju 2011, biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika tal-Moldova dwar ftehim komprensiv dwar it-trasport bl-ajru.
2. Fis-27 ta' Jannar 2012, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposti tagħha għal Deċiżjonijiet tal-Kunsill dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim u dwar il-konklużjoni tal-Ftehim.
3. Il-Ftehim ġie ffirmat fil-26 ta' Ġunju 2012. Id-Deċiżjoni dwar l-iffirmar u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim, flimkien mat-test tal-Ftehim, ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-20 ta' Ottubru 2012¹.

¹ ĠU L 292, 20.10.2012, p. 1–2.

4. Il-proċess ta' ratifika tlesta mill-Istati Membri kollha fil-5 ta' Frar 2019, minbarra r-
Repubblika tal-Kroazja, iżda hemm l-intenzjoni li r-Repubblika tal-Kroazja taċċedi għall-
Ftehim f'konformità mal-proċedura prevista fl-Att ta' Adeżjoni anness mat-Trattat ta'
Adeżjoni tagħha tal-5 ta' Diċembru 2011.
5. Fil-5 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni ppreżentat proposta emendata għal Deċiżjoni tal-
Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim, b'mod partikolari bil-ħsieb li jittieħed kont tad-dħul
fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tat-
28 ta' April 2015 fil-Kawża C-28/12.
6. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Avjazzjoni ddiskuta l-proposta emendata u laħaq qbil dwarha fl-14
ta' Novembru 2019.
7. Wara l-ftehim milħuq fil-livell tal-grupp ta' ħidma, it-test tad-Deċiżjoni tal-Kunsill emendata
dwar il-konklużjoni ġie rivedut mis-servizz tal-ġuristi lingwisti tal-Kunsill.
8. Bil-ħsieb tat-tnejn għall-konklużjoni tal-Ftehim, il-COREPER huwa mistieden jissuġġerixxi
li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' laqgħa li jmiss, jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz ta'
deċiżjoni dwar il-konklużjoni, kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 14205/19, kif ukoll
it-test tal-Ftehim kif jinsab fid-dokument tal-ġuristi lingwisti 8185/12, lill-Parlament
Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
